



Brussell, 16 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9130/19

DEVGEN 99
FIN 344
COAFR 93
ACP 53
RELEX 470
ASIM 59
JAI 492
COPS 149
MAMA 80
COWEB 67

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Mejju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7437/19
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 32/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika: Għodda flessibbli, iżda mhuwiex iffukat biżżejjed - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Mejju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 32/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika: Għodda flessibbli, iżda mhuwiex iffukat biżżejjed, kif adottati mill-Kunsill fit-3690 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Mejju 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 32/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
dwar il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika: Għodda flessibbli,
iżda mhuwiex iffukat biżżejjed**

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 32/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-"Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika: Għodda flessibbli, iżda mhuwiex iffukat biżżejjed", li jeżamina jekk l-EUTF għall-Afrika kienx imfassal u implimentat tajjeb, b'enfasi kemm fuq is-saħħiet u d-dgħufijiet. Il-fondi fiduċjarji tal-UE huma għodod ad hoc, komplimentari li jintużaw għal azzjonijiet ta' emerġenza, wara l-emerġenza jew tematiċi. Il-Kunsill jenfasizza li l-fondi fiduċjarji għandhom japplikaw il-medda sħiħa ta' prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp u jenħtieġ li jkunu koerenti mal-prijoritajiet tal-iżvilupp fit-tul, mal-istrateġiji tal-pajjiż nazzjonali u tal-UE u strumenti u programmi rilevanti oħra¹. F'dan il-kontest, il-Kunsill jissottolinja r-rilevanza tal-konkluzjonijiet² preċedenti tiegħu dwar il-kwistjoni u jfakkar fil-qafas politiku dwar fondi fiduċjarji tal-UE stabbilit fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp għdid.
2. Il-Kunsill ifakkar li l-EUTF għall-Afrika tnieda fis-Summit tal-Belt Valletta dwar il-Migrazzjoni fl-2015, fejn il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern Ewropej u Afrikani qablu li jaħdmu fi spirtu ta' sħubija u responsabbiltà kondiviża biex isibu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi ta' interess reċiproku. Dan hu l-akbar fond mill-erba' fondi fiduċjarji eżistenti tal-UE, li jiġbor €4.2 biljun minn diversi sorsi, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), il-baġit tal-UE kif ukoll riżorsi mill-Istati Membri u donaturi oħra. L-EUTF għall-Afrika jappoġġa attivitajiet f'26 pajjiż fi tliet reġjuni tal-Afrika: is-Saħel u l-Lag Chad, il-Qarn tal-Afrika u l-Afrika ta' Fuq. L-oġġettiv hu t-trawwim tal-istabbiltà u l-kontribut għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni kif ukoll għall-indirizzar tal-kawżi profondi tad-destabbilizzazzjoni, l-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari, partikolarment bil-promozzjoni tar-reżiljenza, l-oportunitajiet ekonomiċi u indaqs u s-sigurtà u l-iżvilupp fl-Afrika.

¹ 9459/17 tad-19.05.2017

² 15569/17 tal-11.12.2017

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-EUTF għall-Afrika huwa għodda ta' implimentazzjoni strateġika u flessibbli, li b'mod effettiv tindirizza l-isfidi differenti tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat fit-tliet reġjuni kollha.

L-EUTF għall-Afrika wera l-valur miżjud tiegħu billi jiffaċilita d-djalogi politiċi u ta' politika mal-pajjiżi sħab, il-koordinazzjoni, il-produzzjoni ta' riżultati konkreti, u l-ġbir tar-riżorsi u l-għarfien espert mill-UE, l-Istati Membri tagħha u donaturi oħra.

Il-Kunsill jilqa' li l-EUTF għall-Afrika ppermetta rispons rapidu għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi kumplessi, kull waħda ta' natura differenti, fit-tliet reġjuni, b'veloċità akbar mill-istrumenti tradizzjonali. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-konklużjoni tar-rapport li l-EUTF għall-Afrika kkontribwixxa għall-isforz li sar biex jitnaqqas l-għadd ta' migranti irregolari li jgħaddu mill-Afrika għall-Ewropa, iżda li dan il-kontribut għad ma jistax jitkejjel b'mod preċiż.

Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jibqgħu jseħħu l-isforzi mmirati lejn il-mobilizzazzjoni ta' aktar riżorsi finanzjarji għall-EUTF għall-Afrika, inkluż mill-Istati Membri, biex isostni l-kisbiet tiegħu u jindirizza sfidi emerġenti ġodda ġewwa l-Afrika, inkluż tul ir-rotot ta' migrazzjoni tal-Mediterran Ċentrali u l-Mediterran tal-Punent.

4. Ir-Rapport Speċjali jipprovdi osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet siewja li jsaħħu il-ġestjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-EUTF għall-Afrika li jistgħu jkunu utli, b'mod ġenerali, għal fondi fiduċjarji oħra tal-UE.

Waqf li jissottolinja l-importanza li jinżamm mandat wiesgħa, il-Kunsill jieħu nota tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tar-rapport, inkluż li l-EUTF għall-Afrika għandu jkun aktar iffukat u jidderieġi l-appoġġ lejn azzjonijiet speċifiċi li x'aktarx jipproduċu riżultati miżurabbli u li jkollhom impatt fuq il-post. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-erba' rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, inkluż l-iskedi taż-żmien rispettivi, u jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura segwitu korrett.

Titjib tal-kwalità tal-objettivi

5. Il-flessibbiltà tal-EUTF għall-Afrika m'għandhiex tasal għad-detriment ta' strateġija ffukata li twassal impatt. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tkompli tirrevedi l-prijoritajiet strateġiċi u l-oqfsa operazzjonali reġjonali, billi tiżgura li jkunu aktar speċifiċi, iffukati u li jintlaħqu. Il-Kunsill japprezza l-involvement qawwi tal-Bord li jeżamina prijoritajiet strateġiċi sabiex jimmassimizza l-fokus u l-impatt tal-EUTF għall-Afrika. Il-Kunsill japprova wkoll ir-rwol tal-Kumitati Operazzjonali li regolarment jaġġornaw l-oqfsa reġjonali operazzjonali, peress li s-sitwazzjoni fuq il-post tevolvi kostantement u li jiżguraw li l-orjentazzjonijiet strateġiċi jkunu koerenti u ffukati filwaqt li jiżguraw is-sjieda tal-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-isforzi tagħha li tiġbor u tikkondividi l-aħjar prattiki kif ukoll li tidentifika, tuża u tikkondividi t-tagħlimiet meħuda mill-partijiet interessati kollha.

Reviżjoni tal-proċedura tal-għażla għall-proġetti

6. Il-Kunsill jilqa' s-sejbiet tar-Rapport rigward l-għażla ta' proġetti u jenfasizza l-importanza li jitkompla jitjieb l-użu ta' proċeduri trasparenti, inklużivi u ċari.

Huwa jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat li l-Bord u l-Kumitati Operazzjonali jirċievu informazzjoni u dokumentazzjoni kompleti u f'waqthom, biex jippermettu deċiżjonijiet ippreparati u infurmati tajjeb.

Il-Kunsill jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex timmassimizza l-komplementarjetà ma' strumenti, inizjattivi u proċessi ta' programmar eżistenti, inkluż il-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew.

Teħid ta' miżuri biex titħaffef l-implimentazzjoni

7. Barra minn hekk, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tesplora modi biex jiġu aċċellerati u msaħħa l-ippjanar u l-implimentazzjoni, b'mod partikolari bl-użu tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-potenzjal sħiħ tagħhom.

Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol li għandhom l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u donaturi oħra fir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-EUTF għall-Afrika u jitlob lill-atturi kollha biex jaħdmu aħjar flimkien.

Titjib fil-monitoraġġ tal-EUTF għall-Afrika

8. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi mmirati għall-kejl tal-prestazzjoni tal-EUTF għall-Afrika b'mod aktar sistematiku, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex is-sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ssir kompletament operazzjonali. Huwa jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni tal-EUTF għall-Afrika u biex tistabbilixxi qafas ta' valutazzjoni tar-riskju speċifiku, f'konformità mal-prattika tajba fil-ġestjoni ta' fondi fiduċjarji tal-UE u n-NU.

9. Il-Kunsill jilqa' r-rispons estensiv tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jistenna b'interess l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-EUTF għall-Afrika.

Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mtejba ġewwa u ma' pajjiżi sħab kif ukoll ma' sħab u inizjattivi rilevanti oħra.

It-tagħlimiet meħuda mill-EUTF għall-Afrika għandhom jiġu kondiviżi u integrati b'mod effikaċi, kull meta jkun rilevanti, fil-ġestjoni mill-Kummissjoni ta' fondi fiduċjarji tal-UE sabiex jiġi ottimizzat l-użu ta' din il-modalità ta' għajjnuna fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-relazzjonijiet esterni tal-UE.
